MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 799/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**STEPHEN MACKAY**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stepehn Mackay ta' 28 sena bin Anthony u l-mejta Josephine nee' Agius imwieled Pieta' fit-13 ta' Awwissu 1976, residenti fil-fond numru 84, Flat 4, Triq l-Ifran, Valleta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 516376 (M);

Talli fl-20 ta' Settembru, 2004, gol-Floriana, ghal habta tal-11:00 ta' filghodu, ingurha jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni tal-Ispetturi tal-VAT 176 Manuel Azzopardi u 177 Anton Borg bhala ufficjali inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz *ai termini* tal-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

U aktar talli fl-istess post, data u hin, irrifjuta jaghti, jew tagha falz lill-ufficjali pubblici jew li wiehed iehor kienu inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (g) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kiser il-bon ordni u pace pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat il-verbal taghha tal-20 ta' Jannar, 2005, fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u talab skuza ghal ghemilu;

Rat l-Artikolu 95 u 338 u 339 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal multa ta' mitt lira (Lm100.00) kif ukoll tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum *ai termini* tal-Artikou 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------